MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Numru 921/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Louise Calleja**
**V**

**OMISSIS**

**Seduta ta' llum 16 ta' Novembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **OMISSIS** giet mressqa quddiemha akkuzata talli nhar t-tlieta w ghoxrin u nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004 f'dawn il-Gzejjer, halfet il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament u talli ddenunzjat lil Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan r-reat kien sar.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz iz-zewg istqarrijiet rilaxxjati minnha stess nhar l-erbgha w ghoxrin ta'

Dicembru 2004 esibita fl-atti bhala dokument CSH 2 u ohra rilaxxjata l-ghada u cioe l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004 esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 3.

Rat li l-imputata hija sordo e muta w ghalhekk fil-jum tal-presentata l-Qorti ghaddiet biex tinnomina lil interpretu Noel Kennedy sabiex jassisti lil istess imputata f'din il-kumpilazzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta tat-tnejn ta' Novembru 2005, u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.
Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li qed issbha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Il-Qorti rat l-fedina penali netta tal-imputata markata bhala dokument CSH 1 fl-atti ta' dawn il-proceduri, li hija wahda indellibbli bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha w ghalhekk ghandha titqies bhala *first time offender*.

Il-Qorti semghet lil omm l-imputata tiddikjara fis-seduta tat-tnejn ta' Novembru 2005, li bintha l-imputata ghandha problema ta' loghob tal-azzard.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tpoggi lil imputata taht Ordni ta' Probation sabiex bl-ghajnuna ta' Ufficjal tal-Probation l-istess imputata zzomm 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita u tibda tghix hajja ta' bzulija.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 108 u 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lill-imputata OMISSIS hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha fuq ammissjoni taghha stess** u tiddecidi li, f’dawn ic-cirkostanzi, tpoggiha taht ordni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li zzomm boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. Li l-imputata probationer OMISSIS ghandha, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, iggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. Illi l-imputata probationer OMISSIS ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-istess Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat min ghandu flimkien ma l-interpretu Noel Kennedy fid-dar fejn qed tirrisjedi;**
**3. Illi l-imputata probationer OMISSIS ghandha tghix fir-residenza taghha tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u tkun tista tbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**
**4. Illi l-imputata probationer OMISSIS ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat u l-interpretu nominat mill-Qorti Noel Kennedy kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata probationer.**
**5. Illi l-imputata probationer OMISSIS ghandha tindirizza l-problema taghha t’abbuz tal-loghob tal-azzard u b’dan ghalhekk ghandha taghmel dak li jigi suggerit lilha mill-Ufficjal tal-Probation fl-ahjar interess taghha.**

Il-Qorti spjegat fi kliem car, tramite l-interpretu nominat mill-Qorti Noel Kennedy, l-import ta' din is-sentenza lil imputata probationer u x'jigri jekk tonqos li tosservaha u l-imputata probationer iddikjarat li fehmet ben tajjeb.

**Il-Qorti qed tinnomina lil interpretu Noel Kennedy sabiex jassisti lil Ufficjal tal-Probation li jigi nonminat mid-Direttur tal-Probation Services Limited kull meta jkun hemm bzonn.**

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan u lil interpretu Noel Kennedy.**

**Il-Qorti tordna li isem u l-partikolaritajiet tal-imputata ma jigux imxandra fuq kull mezz ta' xandir minhabba c-cirkostanzi fuq spjegati.**

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------